# "WEĠGĦA U SOGĦBA"

Ta' Rodrig Bovingdon

U l-qalb tiftakar
il-kelma jiebsa, li toħroġ
minn fomm imwaġġa'
ta' qalb oħra;
li tnissel id-dieq
mill-għannieq tad-dwejjaq tagħha.
U jingħaqdu ż-żewġt iqlub
F'bikja ta' mħabba, ta' maħfra.
Jintesa għal kollox l-għemil
u jordom miegħu,
ħażen il-fehma
Iżda l-għelma ħajna
tissokta rieqda;
bħalma jibqgħu x-xquq
fuq xaqqufa li,
tissewwa wara l-ksur;
u qalb il-warrani tolfoq fin-niket.
Hekk fid-dalma tal-ħajja; il-qalb
titlob oħra l-faraġ;
u l-għajta,
għall-għaqda tal-bnedmin
tinħass ġejja
mill-eħrex ruħ

---

**Errata Corrige**

L-istudju fuq "**Il-Qwiel u Ħajjitna ta' Kuljum**" li deher fil-paġna 74 tat-Tielet Ktieb (Settembru) 1970, kien miktub mis-Sur Alfie Guillaumier, mhux mis-Sur Alfred Massa.